MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru. 767/2006

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR MARTIN SAMMUT)**

**VS**

**DANIEL JOE CACHIA**
**MARK BORG**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Daniel Joe Cachia ta' 22 sena, iben George u Theresa nee' Giordimaina, imwieled fit-28 ta' Settembru 1983 Pieta', u residenti 13, Villino Farnham, Triq l-Esperanto, Msida u detentur tal-karta tal-identita'

494483 (M) u Mark Borg ta’ 21 sena, iben Joseph u Simone, imwieled fis-27 ta’ Gunju 1984 Pieta’, u residenti Flat 1, Central Court, Triq tal-Ibragg, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ 337784 (M) li gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta’ Mejju 2006 f’ xi hin bejn it-tlieta (03:00hrs) u t-tlieta u nofs (03:30hrs) ta’ filghodu gewwa Triq Dragonara San Giljan:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Patrick Mizzi, u dan bi ksur ta’ Artikoli 214 u 216 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-gisem ta’ David Agius u dan bi ksur ta’ Artikoli 221 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-gisem ta’ Alexandra Ellul u dan bi ksur ta’ Artikoli 221 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b’ ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ Artikoli 338 (dd) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-ko imputat Mark Borg wahdu akkuzat aktar talli rrenda ruhu recidiv b’ sentenza tal-Qorti tat-28 ta’ April 2004, liema sentenza hija deffenittiva u ma tistax tinbidel.

Il-ko imputat Daniel Joe Cachia wahdu akkuzat aktar talli kiser l-ordni tal-Qorti tas-27 ta’ Gunju 2005, u cioe li ma jaghmilx reat iehor, liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Patrick Mizzi, Daniel Joe Cachia u Alexandra Ellul jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-

reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti (Art 383 ta' Kap 9).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Awissu 2006 sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007 taw il-kunsens sabiex il-kaz taghhom jinstema' bi procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Far 2007 il-parti civili Alexandra Ellul u David Agius irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti taz-zewg imputati.

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2007 il-parti civili Patrick Mizzi wkoll irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti taz-zewg imputati u xehed li effettivament il-griehi li huwa sofra bhala konsegwenza tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza kienu ta' natura hafifa u li inizjalment kien hemm il-hsieb li dawn setghu kienu ta' natura gravi biss minhabba l-fatt illi l-incident mertu ta' din il-kawza sehh ftit taz-zmien wara li huwa kien involut f'incident awtomobilistiku fejn kien sofra griehi ta' natura gravi. Effettivament gie esebit rapport (a fol. 55 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-parti civili Patrick Mizzi fit-12 ta' Marzu 2006 kien involut f'incident awtomobilistiku fejn sofra griehi ta' natura gravi.

Ghal dawn il-motivi u stante li gie stabbilit li l-griehi sofferti minn Patrick Mizzi bhala konsegwenza tal-incident mertu ta' din il-kawza kienu ta' natura hafifa u mhux ta' natura gravi, u stante r-rinunzja da parti tal-parti civili Patrick Mizzi, David Agius u Alexandra Ellul, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel tlett akkuzi migjuba fil-konfronti taz-zewg imputati u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi. Peress li r–raba' akkuza ma tirrizultax

pruvata sal-grad rikjest mill-ligi tillibera lil-imputati mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------